

Brussell, 20 ta' Frar 2017
(OR. en)

6269/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0397 (COD)

SOC 91
EMPL 61
CODEC 207

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15642/16 SOC 812 EMPL 549 CODEC 1910
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u l-lżvizzera)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) tat-3 ta' Marzu 2017.

Il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali fl-UE

Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza

Kunsill EPSCO, 3 ta' Marzu 2017

Fit-13 ta' Diċembru 2016 il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex jiġu riveduti ċerti regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali¹ stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004² ("Regolament bażiku") u Nru 987/2009³ ("Regolament ta' implimentazzjoni"). L-oġġettiv ġenerali tal-proposta huwa li titkompla l-modernizzazzjoni ta' dawn ir-regoli tal-UE billi tagħmilhom aktar ċari u aktar ġusti, u sabiex titjieb l-eżegwibbiltà tagħhom. B'mod partikolari, il-proposta tiffoka fuq l-aċċess għall-benefiċċji soċjali f'erba' oqsma: (i) il-benefiċċji tal-qgħad, (ii) il-benefiċċji għall-kura fit-tul; (iii) iċ-ċittadini mobbli ekonomikament inattivi u (iv) il-benefiċċji tal-familja. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll it-tisħiħ tar-regoli amministrattivi dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali għal (v) ħaddiema stazzjonati u l-ġhoti ta' għodod aħjar lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex dawn jindirizzaw prattiki potenzjalment inġusti u l-abbużi.

Lejn Koordinazzjoni Ewropea modernizzata tas-Sigurtà Soċjali

Id-dritt taċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom li jiċċaqalqu b'mod liberu u jgħixu fi kwalunkwe pajjiż tal-UE huwa minqax fit-Trattati tal-UE u jitqies bħala pedament tal-integrazzjoni tal-UE. Kull ċittadin għandu d-dritt li jmur b'mod liberu fi Stat Membru ieħor biex jaħdem, jew biex ifittex xogħol, u li jgħix hemm għal dak il-għan. Il-moviment liberu tal-ħaddiema huwa wieħed mill-erba' libertajiet fundamentali tas-Suq Uniku, element ċentrali fil-bini ta' ekonomija aktar b'saħħitha fl-UE bbażata fuq il-libertajiet ekonomiċi u, fl-istess ħin, fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.

¹ COM (2016) 815

² Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1, rettifika ĠU L 200, 7.6.2004.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar, il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, ĠU L 284, 30.10.2009.

Il-moviment liberu tal-persuni u l-ħaddiema ma jkunx possibbli mingħajr ir-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Kull Stat Membru jżomm il-kompetenza għat-tfassil u l-ambitu tas-sistema ta' sigurtà soċjali tiegħu, mingħajr ma jiġu armonizzati s-sistemi nazzjonali. Ir-regoli jipprovdu ċertezza legali liċ-ċittadini li għalihom tapplika sistema tas-sigurtà soċjali f'sitwazzjoni transkonfinali, biex b'hekk jiġi evitat li persuna titħalla mingħajr protezzjoni jew li jkollha kopertura doppja f'sitwazzjoni transkonfinali. Bis-salvagwardja tal-intitolamenti għas-sigurtà soċjali u t-tneħħija tal-ostakli indiretti għall-moviment liberu tal-ħaddiema u tas-servizzi, hija tagħti possibbiltà ġenwina liċ-ċittadini mobbli tal-UE jgħixu jew jaħdmu f'pajjiż ieħor.

Ir-realtà soċjali u ekonomika fl-Istati Membri qed tevolvi l-ħin kollu. Għaldaqstant, l-adattament tar-regoli sabiex dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nbidlet huwa wieħed mill-muturi ewlenin tat-test propost. Il-modernizzazzjoni tal-qafas legali għandha twassal għal aktar ċarezza legali, distribuzzjoni aktar ġusta u ekwa tal-piż finanzjarju fost l-Istati Membri kif ukoll sempliċità amministrattiva u eżegwibbiltà tar-regoli. Permezz ta' dan, għandu jiġi żgurat it-trattament ugwali ta' ċittadini Ewropej li huma assicurati taħt leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali, u għandu jiġi faċilitat sostanzjalment l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom meta jmorru minn Stat Membru għal ieħor.

Ħtieġa għal rieżami

Mid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti attwali fl-1 ta' Mejju 2010, il-kuntest li fih l-Istati Membri jaħdmu nbidel b'mod sinifikanti. Diversi Stati Membri għaddew minn għadd ta' kriżijiet, b'mod partikolari l-kriżi tad-dejn sovrani, bi pressjoni qawwija fuq il-baġits nazzjonali u n-nefqa soċjali. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri introduċew miżuri ġodda fis-sistemi nazzjonali tagħhom tal-politika soċjali biex jirreaġixxu għall-isfidi l-ġodda, u għat-tibdil demografiku. Barra minn hekk, fis-snin reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tat diversi sentenzi fil-qasam tas-sigurtà soċjali li wiegħbu b'mod sinifikanti għal dan il-kuntest li qed jinbidel. Barra minn hekk, f'xi każijiet, in-nuqqas ta' ċarezza rigward id-drittijiet u l-obbligi preċiżi, u d-diverġenza fl-interpretazzjoni tar-regoli, servew ta' mutur biex jiġu aġġornati r-regoli ta' koordinazzjoni eżistenti.

Regoli aktar ċari u aktar faċli biex tinfurzahom huma fl-interess tal-Istati Membri, taċ-ċittadini u tan-negozji bl-istess mod. Regoli mtejba jtejbju l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet għall-mobbiltà tal-ħaddiema u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, filwaqt li jipprovdu għodod effettivi għall-awtoritajiet nazzjonali biex dawn jiġġieldu kontra l-abbuż u l-frodi.

Il-proposta tal-Kummissjoni

(i) It-tibdil propost fil-qasam tal-**benefiċċji tal-qgħad** li jsaħħu r-rabta bejn l-Istat Membru fejn persuna assicurata tikkontribwixxi (jew ikkontribwixxiet) għall-finanzjament tas-sistema tas-sigurtà soċjali u l-obbligu li jingħataw il-benefiċċji huwa maħsub biex jiffaċilita il-moviment liberu ta' min qed ifittex xogħol filwaqt li jiżgura li jkun hemm salvagwardji biex ma jitqiegħedx piż żejjed fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru ospitanti. Min ikun qed ifittex xogħol ser ikun jista' jesporta l-benefiċċji tal-qgħad tiegħu għal perijodu ta' mill-inqas sitt xhur, meta mqabbel mal-perijodu minimu attwali ta' tliet xhur. Skont il-Kummissjoni, dan ser jagħtihom possibbiltà akbar li jsibu xogħol, u ser jgħin biex jiġu tratti l-qgħad mifrux fl-UE u l-ispariġġ fil-ħiliet.

Għall-ħaddiema li jaħdmu bejn il-fruntieri (ħaddiema li jgħixu f'pajjiż, jaħdmu f'pajjiż ieħor, u jmorru d-dar mill-inqas darba fil-ġimgħa), l-Istat Membru li fih ikunu ħadmu għall-aħħar 12-il xahar ikun responsabbli milli jħallas il-benefiċċji tal-qgħad. Dan jirrifletti l-prinċipju li l-Istat Membru li jkun irċieva l-kontribuzzjonijiet għandu jħallas il-benefiċċji. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li xi ħadd li jkun ħadem għal mill-inqas tliet xhur fit-territorju tagħhom qabel ma jkun safa' qiegħed jista' jserraħ fuq l-esperjenza preċedenti tiegħu fi Stat Membru ieħor biex jitlob il-benefiċċji tal-qgħad.

(ii) Il-proposta tintroduċi kapitolu ġdid għall-koordinazzjoni tal-**benefiċċji għall-kura fit-tul**. Hi biħsiebha tipprovdi definizzjoni tal-kura fit-tul u ta' dawk il-benefiċċji li għandhom jiġu elenkati f'Anness ġdid għar-Regolament (KU) Nru 833/2004. Dawn jipprovdu sistema adegwata u stabbli għall-kura fit-tul billi jiżguraw li l-piż jinqasam indaqs bejn l-Istati Membri u jipprovdu ċarezza legali u trasparenza għaċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra.

(iii) Abbażi tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proposta tiċċara wkoll li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux **ċerti benefiċċji tas-sigurtà soċjali** lil ċittadini mobbli li huma **ekonomikament inattivi**. Dan ifisser li persuni li la m'huma qed jaħdmu u lanqas m'huma qed ifittxu xogħol b'mod attiv għandhom biss dritt legali ta' residenza, f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Residenza 2004/38/KE, meta dawn ikollhom il-mezzi ta' sussistenza u kopertura tas-saħħa komprensiva. Dawn l-emendi huma r-riżultat ta' sensiela ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jitolbu li r-Regolamenti jiġu emendati għal raġunijiet ta' ċarezza, trasparenza u ċertezza legali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jillimitaw it-trattament ugwali għal benefiċċji speċjali mhux kontributorji fi flus daqs li kieku kienu 'benefiċċji tal-assistenza soċjali' skont it-termini tad-Direttiva 2004/38/KU, u għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali oħra mitluba minn ċittadini ekonomikament inattivi sa fejn permess minn dik id-Direttiva. Din il-ġurisprudenza, li bħalissa mhix riflessa fir-Regolament, timplika li l-aċċess għal benefiċċji minn ċittadini ekonomikament inattivi fl-Istat Membru ospitanti jista' jsir kondizzjonali, fost l-oħrajn, għall-fatt li dak iċ-ċittadin ikollu dritt legali ta' residenza f'dak l-Istat Membru.

(iv) Il-proposta fiha wkoll dispożizzjonijiet ġodda marbuta mal-koordinazzjoni tal-**benefiċċji tal-familja** maħsuba biex jissostitwixxu d-dħul matul perijodi ta' trobbija tat-tfal, magħrufa wkoll bħala 'allowances għat-trobbija tat-tfal'. Dawn l-allowances għandhom l-għan li jikkompensaw lill-ġenituri għat-telf ta' dħul waqt perijodi ta' trobbija tat-tfal. Permezz tal-emendi proposti, dawn l-allowances għat-trobbija tat-tfal ser jitqiesu bħala drittijiet individwali u personali tal-ġenitur aktar milli benefiċċju għall-familja sħiħa, u b'hekk l-Istat Membru sekondarju kompetenti ser ikollu d-dritt fakultattiv li jidderoga mir-regoli kontra d-duplikazzjoni u jagħti benefiċċji bħal dawn b'mod sħiħ lill-persuna intitolata għalihom. Dawn l-Istati Membri ser jiġu elenkati f'Anness.

(v) Il-proposta għandha l-għan li ssaħħa ir-regoli amministrattivi dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali għall-**ħaddiema stazzjonati**. Barra minn hekk, il-proposta tipprova tiċċara r-regola dwar il-konflitt tal-leġislazzjoni applikabbli u r-relazzjoni bejn ir-Regolamenti u d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi. Issaħħa ir-regoli amministrattivi dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fl-oqsma tal-iskambju tal-informazzjoni u l-verifika tal-istatus tas-sigurtà soċjali ta' dawn il-ħaddiema sabiex jiġu evitati Prattiki potenzjalment inġusti u l-abbuż. Il-proposta tagħti wkoll setgħat ġodda ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 TFUE biex jissawwar approċċ uniformi għall-ħruġ, il-verifika u l-irtirar tad-Dokument Portabbli A1 (ċertifikat li jikkonċerna l-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali li tapplika għad-detentur).

F'dan il-kuntest, id-dibattitu għandu jgħin biex jingħataw orjentazzjonijiet politiċi kbar fil-qasam li qed jiġi eżaminat mill-ġdid bil-ħsieb li tittejjeb il-koordinazzjoni tar-regoli tas-sigurtà soċjali tal-UE, tiżdied iċ-ċarezza legali, tiġi stabbilita kondiviżjoni tal-piż ġusta u ekwa, kif ukoll jiġu simplifikati r-regoli amministrattivi sabiex ikun eħfef biex jiġu infurzati.

Il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw b'mod speċifiku l-kwistjonijiet essenzjali, kif indikat fil-mistoqsijiet li ġejjin:

(1) Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-moviment liberu taċ-ċittadini jġib miegħu drittijiet u obbligi. Filwaqt li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom id-dritt għall-moviment liberu, humiex ekonomikament attivi jew le, il-moviment liberu mhuwiex dritt mhux kondizzjonali għal aċċess liberu għas-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' Stati Membri oħra.

- *Il-kodifikazzjoni proposta tal-każistika reċenti dwar l-aċċess minn ċittadini ekonomikament inattivi għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru ospitanti ser tikkontribwixxi biex tiżdied iċ-ċarezza legali?*

- 2) Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ssaħħa l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-ispettorati tax-xogħol biex tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom mezzi adegwati biex jivverifikaw l-istatus tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiema stazzjonati u ħaddiema oħra ferm mobbli u biex tindirizza prattiki potenzjalment inġusti u abbużi.
- *It-tibdil propost b'rabta mad-Dokument Portabbli A1 jiffaċilita infurzar aħjar tar-regoli eżistenti tas-sigurtà soċjali? Liema miżuri oħra f'dan il-qasam jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħaq dan l-għan?*
- (3) Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta identifikat diversi problemi, inkluż id-distribuzzjoni żbilanċjata tal-piż finanzjarju, ir-riskju ta' telf ta' protezzjoni jew ta' ħlas doppju, in-nuqqas ta' trasparenza u ta' ċertezza legali għaċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, it-trattament mhux ugwali ta' ċittadini f'sitwazzjonijiet komparabbli, u diżinċentivi biex wieħed jaħdem jew ikompli jaħdem fi Stat Membru ieħor.
- *L-emendi proposti jindirizzaw b'mod adegwat il-problemi identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt? Għad fadal problemi oħra li l-proposta ma indirizzatx?*
-